**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Frar, 2017

Rikors Nru : 60/15 AL

A B
vs.
**1)** C sive T D
**2)** G D
**3)** u b'digriet tal-15 ta' April 2015 l-Avukat Dr Martin Fenech u il-PL Joanna Borg Costanzi gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Y D
**4)** Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-14 ta' Frar 2017 il-kuraturi deputati l-Avukat Dr Martin Fenech u il-PL Joanna Borg Costanzi gew estromessi minn din il-kawza u Y D assuma l-atti tal-kawza f'ismu minflok il-kuraturi deputati

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur, li permezz tieghu ippremetta:

**1)** Illi minn relazzjoni barra z-zwieg li r-rikorrent kellu mal-intimata C sive T D, twieled il-minuri Y D fit-18 ta' Settembru 1998 (certifikat tat-twelid anness u markat bhala Dokument A). Il-minuri ghandu l-karta tal-identita` numerata 0376098 M.

**2)** Illi izda kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid, il-minuri jinsab registrat fuq isem l-intimat G D bhala missieru, li kien qabel mizzewweg lill-intimata C sive T D.

**3)** Illi l-intimat G D qatt ma rabba lill-minuri Y D bhala missieru. Invece, Y D jaf bhala missieru lir-rikorrent, u r-rikorrent dejjem agixxa bhala missier il-minuri, u kulhadd jaf lir-rikorrent bhala missier Y D u lil Y D bhala wild ir-rikorrent.

**4)** Illi hu konfermat minn testijiet xjentifici tal-paternita` li r-rikorrent hu l-missier naturali ta' dan il-minuri (Dokument B anness).

**5)** Illi r-rikorrent jixtieq illi l-istat fattwali ikun rifless ukoll fic-certifikat tat-twelid, anke` sabiex il-minuri ma jbatix pregudizzju, u b'hekk ukoll l-att tat-twelid jigi jirrifletti r-realta’ biologika u dik socjali.

**6)** Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1) Tiddikjara li l-minuri Y D m’huwiex il-wild naturali tal-intimat G D, u li l-intimat G D m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

2) Tiddikjara li l-minuri Y D hu l-wild naturali tar-rikorrent A B, u li r-rikorrent A B hu l-missier naturali tal-istess minuri.

3) Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri Y D, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem “G D” u minflok jissostitwixxi dawn il-kliem bil-kliem "A B"; in-numru tal-karta tal-identita` tal-intimat G D, il-professjoni jew sengha tal-intimat, l-eta`, il-post tat-twelid u residenza tal-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-istess intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u

jissostitwixxi kollox bid-dettalji relattivi tar-rikorrent, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba inkluz li kunjom il-minuri Y jigi jaqra B, u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Joanna Borg Costanzi, li permezz taghha eccepew :

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jossottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti anke fil-mori tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Martin Fenech u il-PL Joanna Borg Costanzi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, għal kull buon fini, jiġi rilevat illi sal-lum, għadha ma saret l-ebda notifika ta` dan ir-rikors lill-Uffiċċju ta` l-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu 3 ta` l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta, u għalhekk, għalkemm id-Direttur tar-Registru Pubbliku ġie notifikat fit-29 ta' April 2015, it-terminu ta` għoxrin jum skont dan l-istess subartikolu għadu ma bediex jiddekorri ġialdarba ma saritx tali notifika;

2. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri Y D, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-**Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri Y D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal proċediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba għandhom ikunu l-aħjar u kif ukoll sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi.

4. Illi l-esponent jistieden lir-rikorrenti, il-missier naturali tal-minuri Y D, sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri Y D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel Y D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit Y D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3760 tas-sena 1998;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-minuri Y D irid jagħżel liema kunjom se jżomm a tenur tat-tieni proviso tal-**Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem G D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3760 tas-sena 1998;

**7.** Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Billi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti C sive T D u Gn D, minkejja li ġew debitament notifikati, ma ppreżentaw ebda risposta ġuramentata u għaldaqstant huma kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Rat illi l-minuri debitament rappreżentat mill-Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Joanna Borg Costanzi, laħaq l-eta` maġġorenni fil-mori tal-kawża u cioe nhar it-18 ta' Settembru 2016 u li għaldaqstant fl-14 ta' Frar 2017 huwa assuma l-atti personalment minflok il-kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentawh.

Rat illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita' ta' Y D stante li l-attur jikkontendi li minkejja li Y twieled nhar it-18 ta' Settembru 1998[1], u cioe' fi zmien meta l-intimati C sive T D u G D kienu għadhom legalment miżżewġin, l-istess Y mhuwiex iben l-imsemmi G D iżda huwa ibnu. Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mill-liġi, l-istess Y ġie mniżżel bħala l-wild naturali tal-intimat G D, qua żewġ omm it-tarbija. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi G D m'huwiex il-missier naturali ta' Y u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu billi l-konnotati ta' G D jiġu

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol. 4 tal-proċess

kanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-attur bħala l-missier.

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[2], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77A, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

> ***"77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel."***

Rat illi l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, permezz ta' digriet iddatat it-13 ta' Marzu 2015[3] sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri Y D. Rat illi in vista ta' dan, it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata.

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A B (K.I.67073M) huwa l-missier naturali ta' Y D, imwielded lill-konvenuta C D nhar it-18 ta' Settembru 1998, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[4].

---

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[3] Fol. 7

[4] Rapport esebit fol. 5 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 46

Rat l-affidavit[5] tal-istess attur fejn huwa xehed kif huwa dejjem rabba lil Y D bħala ibnu u dejjem aġixxa ta' missieru. Illi stante li jirriżulta anke xjentefikament ippruvat illi huwa l-missier naturali ta' Y, jixtieq illi l-att tat-twelid tiegħu ikun jirrispekkja din il-verita`. Illi Gn D, li huwa dikjarat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bħala missier Y, ma joġġezzjonax li l-attur ikun dikjarat il-missier naturali u bijoloġiku ta' Y.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur, meta ntavola l-kawża odjerna, mexa mal-formalitajiet kollha imposti mil-liġi.

Illi fil-mertu, l-każ kollu jdur jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li Y huwa l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti fil-liġi u li għall-anqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati f'Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, ġiet ippruvata.
L-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur huwa il-missier bijoloġiku ta' Y D. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita' tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li Y huwa l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat G D. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Illi rigward il-kunjom li għandu jassumi Y, il-ġenituri tiegħu ikkonfermaw permezz ta' nota ppreżentata fl-atti[6] illi huwa għandu jassumi l-kunjom B. Għaldaqstant, il-Qorti, bl-applikazzjoni tat-tielet proviso tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, qiegħda tawtorizza lil Y sal-lum magħruf bħala D, biex jassumi l-kunjom B.

---
[5] Fol. 44
[6] Fol.58

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi Y D m'huwiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut G D; iżda huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid innumerat tlett'elef seba' mija u sittin tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (3760/1998), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut G D, kif ukoll il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm; Minflok, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier, iniżżel id-dettalji tal-attur kif jirriżultaw min-nota a fol. 53 tal-proċess;

3. Tordna illi Y sal-lum magħruf bħala D jassumi l-kunjom B.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati b'mod ugwali mill-attur A B u mill-konvenuta C sive T D.